MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 350/2007

**Continental Purchasing Company Limited (C 324)**

**vs**

**C & C Caterers Ltd (C 35883)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta’ attrici fil-31 t’Ottubru 2007 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ tlett elef erba’ mija tlieta u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm3, 493.90c) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lilhom fuq ordni taghhom stess, kollox skond ma jidher mill-istatement relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja w bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-24 t’Awissu 2007 u tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Settembru 2007 kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn esponiet:

1. Illi l-kumpanija konvenuta tikkontesta l-pretensjonijiet tal-kumpanija attrici, kif dedotti fl-avviz.
2. Illi l-bilanc mitlub ta' Lm3,493.90 [tlett elef erba' mija tlieta u disghin lira u disghin centezmu] jinkludi somma ta' Lm1,098.58 (elf tmienja u disghin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) konsistenti f''table tops' li kellhom jinbidlu minghajr zieda fil-prezz u dan bi ftehim bejn il-partijiet.
3. Illi fl-ammont mitlub hemm ukoll bilanc iehor ta' Lm1,451 [elf erba' mija u wiehed u hamsin Lira Maltin] konsistenti f'trasport ta' l-ghamara li diga' kien imhallas permess ta' invoice mis-somma inizjali ta' cirka Lm63,000 izda li l-kumpanija attrici ddecidiet minn jeddha li wara xi tlett xhur li kienet ikkonsenjat din l-ghamara tohrog invoice ghal dan l-ammont.
4. Illi jinkombi fuq il-kumpanija attrici li tipproduci dawn l-invoices specifici u tipprova li dawn l-ammonti kienu awtorizzati mill-kumpanija konvenuta. Issir referenza wkoll ghal fatt li l-invoice esebit mill-kumpanija attrici bl-ebda mod m'hu dettaljat.
5. Illi rigward bilanc ta' cirka Lm944 (disgha mija erbgha u erbghin Lira Maltin) konsistenti f'tazzi, platti u oggetti ohra simili, il-kumpanija konvenuta tecepixxi l-intempestivita' tat-talba stante li dan il-bilanc allegat minn Continental Purchasing Company Limited (C 324) ghadu mhux dovut stante li z-zmien ghal pagament ghadu ma skadiex.
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kumpanija konvenuta tecepixxi li dawn l-ammonti huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'wahda mill-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta qieghda teccepixxi favur taghha l-preskrizzjoni bi tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 12. Ghad illi l-partijiet ma semmew xejn dwar din l-eccezzjoni, irrizulta mill-provi illi l-kuntratt tal-bejgh tal-merkanzija sar fil-5 ta' Frar 2005 bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera IBA SPA. Il-pagament ma sarx f'daqqa, izda rateali u l-ahhar pagament *on account* sar fit-30 t'Awissu 2006 (ara xhieda Adrian Lungaro Mifsud fol 17). Dan il-pagament jinterrompi l-preskrizzjoni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet <u>Emanuel Sammut vs</u> <u>Anthony Vella</u> l-Qorti affermat il-principju li l-preskrizzjoni estensiva tigi nterrotta bil-pagament ta' parti mill-ammont li jkun qed jigi mitlub mill-attur. Bejn it-30 t'Awissu 2006 u l-prezentata ta' l-avviz fil-31 ta' Ottubru 2007 li allura huwa l-ewwel att gudizzjarju li jinterrompi ghal darb'ohra l-preskrizzjoni, ma ghaddewx it-tmintax-il xahar kif rikjest mill-artikolu fuq imsemmi. Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif imqajjma mis-socjeta' konvenuta u tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Frar 2005 maghmula fl-esteru bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' IBA SPA, din ta' l-ahhar intrabtet li tforni lis-socjeta' konvenuta merkanzija ghall-fornitura ta' restaurant illi kienet se tiftah fil-Waterfront il-Belt. L-agenti tas-socjeta' estera f'Malta hija s-socjeta' attrici li dahlet f'negozjati bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera ghall-fornitura tal-ghamara. L-ghamara kollha giet konsenjata u beda jithallas il-prezz, izda jidher li qamet kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-pagament tal-*freight*, dwar il-bdil ta' table tops u l-pagament ta' Lm944 li ma kienx ghadu dovut mal-prezentata ta' l-avviz. Rigward il-*freight*, is-socjeta' konvenuta qieghda tghid li sar ftehim verbali illi dana ma kellux ikun a karigu taghha. Qalet li fin-negozjati li kellha mas-socjeta' konvenuta fil-gurnata li kienu qeghdin jiddiskutu l-prezz u l-modalita' tal-hlas il-kwistjoni tal-*freight* ma qamitx. Kien biss fl-ahhar gurnata illi l-partijiet semmewha u s-socjeta' konvenuta kienet lesta li tisfratta

n-negozju jekk tibqa’ tenuta tkun responsabbli ghall-*freight*.

Id-direttur tas-socjeta’ attrici Alfred Cushieri filwaqt li huwa jammetti li s-socjeta’ konvenuta kif rapprezentata minn Claude Paris qajjmet kwistjoni dwar il-*freight*, offra minghajr pregudizzju illi jassumi nofs il-prezz tal-*freight* sabiex din il-kwistjoni tigi solvuta. Madankollu skond l-iskrittura bejn il-partijiet redatta bit-Taljan inghad car u tond *“qualsiasi scarico dell’arredamento e’ a carico dell’committente. Trasporto, Iva ed accessori eventuali opere murarie elettrice ed idrualice sono a carico del cliente.”* Claude Paris ma jsemmi xejn dwar din il-klawsola ghad illi Adrian Lungaro Mifsud l-*accountant* tas-socjeta’ attrici kien wera l-oggezzjoni tieghu ghall-fatt illi Alfred Cuschieri kien accetta li jnaqqas il-prezz tal-*freight* bin-nofs meta kien hemm klawsola cara illi kienet tghid illi l-*freight* kellu jkun responsabbilta’ tal-klijent. Naturalment il-Qorti mhijiex sejra ticcensura lil Alfred Cuschieri talli buona grazzja tieghu offra li jassumi parti mir-responsabbilta’ tal-*freight*. Pero’ dan ma jbiddilx in-natura tan-negozju jew inkella l-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet.

F’kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar 2005 fl-ismijiet *VAB Company Limited vs Maria Isabella sive Marisa Turchdogan*, il-Qorti affermat il-pricipju illi fejn il-kliem ta’ ftehim hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni. L-istess din il-Qorti kif preseduta fil-kawza *Alberta Fire & Security Equipment Limited vs European School of English Limited* fis-7 ta’ Frar 2005 fejn applikat il-principju “*pacta sunt servanda”* li tfisser li l-ftehim ghandhom jigu mharrsa.

Is-socjeta’ konvenuta f’dan l-istadju ma tistax tallega kundizzjonijiet differenti minn dawk miftiehma, aktar u aktar meta l-parti l-ohra ma taqbilx ma’ l-interpretazzjoni jew bdil ta’ kundizzjonijiet maghmula mill-istess socjeta’. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi skond il-ftehim bejn is-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ estera, l-*freight* kellu jkun a karigu tas-socjeta’ konvenuta u ma taqbilx ma’ l-

argument taghha li dan kellu jkun responsabbilta’ tas-socjeta’ attrici.

Ghal dak li jirrigwarda t-table tops, id-daqs maghzul ghall-istabbiliment tas-socjeta’ konvenuta rrizulta illi ma kienx adekwat. L-ghazla saret mis-socjeta’ konvenuta u r-responsabbilta’ hija taghha. Madankollu s-socjeta’ attrici ghamlet l-almu taghha sabiex tissodisfa s-socjeta’ konvenuta billi fornitilha table tops aktar adekwati, pero’ mkien ma rrizulta li dawn it-table tops kellhom jigu fornuti b’xejn. Bir-ragun is-socjeta’ attrici talbet biss id-differenza fil-prezz, liema differenza hija ragonevoli u timmerita illi tkun imhallsa. L-istess jinghad ghall-ahhar pagament ta’ disa’ mija erba’ u erbghin lira li mhuwiex ikkontestat mis-socjeta’ konvenuta, fejn allura dana jikkompleta t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ Lm3493, liema talba ghalhekk timmerita’ konferma.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallasha l-ammont ta’ €8136.50 (Lm3493) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta fuq ordni taghhom stess. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Settembru 2007 kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------